C/2024/7505

17.12.2024

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2319, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/3139, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2309, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/3138, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti

(C/2024/7505)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2319 ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/3139 ([2]), u fl-Anness Ia tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2309 ([3]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/3138 ([4]), dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti.

L-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2022/2309 jirrikjedi li l-persuni, l-entitajiet jew il-korpi elenkati jridu jirrapportaw, fi żmien 6 ġimgħat mid-data tal-elenkar fl-Anness Ia, fondi jew riżorsi ekonomiċi fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru li jappartjenu, huma l-proprjetà, jinżammu jew huma kkontrollati minnhom, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsabu dawk il-fondi jew riżorsi ekonomiċi. Huma jridu jikkooperaw mal-awtorità kompetenti nazzjonali fi kwalunkwe verifika ta' tali informazzjoni. In-nuqqas ta' konformità ma' dawn l-obbligi ser jitqies bħala ċirkomvenzjoni tal-miżuri dwar l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi.

L-informazzjoni li trid tiġi rrapportata trid tintbagħat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti, permezz tas-sit web tagħha kif indikat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2022/2309.

([1]) ĠU L 307, 28.11.2022, p. 135.
([2]) ĠU L, 2024/3139, 16.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3139/oj.
([3]) ĠU L 307, 28.11.2022, p. 17.
([4]) ĠU L, 2024/3138, 16.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/3138/oj.